

Brussell, 12 ta' Diċembru 2017  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2016/0276 (COD)

---

---

15553/17  
ADD 2

|             |             |
|-------------|-------------|
| CODEC 2045  | EDUC 448    |
| ECOFIN 1105 | SOC 800     |
| POLGEN 165  | EMPL 612    |
| COMPET 864  | EF 335      |
| RECH 416    | AGRI 687    |
| ENER 506    | TELECOM 350 |
| TRANS 548   | UEM 343     |
| ENV 1054    | JAI 1182    |

#### NOTA PUNT "A"

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 2015/1017 fir-rigward tal-estensjoni tad-durata tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kif ukoll l-introduzzjoni ta' titjib tekniku għal dan il-Fond u għaċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (**l-ewwel qari**)

- Adozzjoni tal-att leġislattiv
- = Dikjarazzjoni

---

#### Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar il-governanza

Il-Kunsill ma jqisx il-preżenza ta' espert maħtur mill-Parlament Ewropew fil-laqgħat tal-bordijiet bħall-Bord ta' Tmexxija bħala karatteristika standard għall-mekkaniżmi ta' finanzjament. Huwa jfakkar li, fi kwalunkwe każ, espert bħal dan ma għandux jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-korp ikkonċernat.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, f'dan il-każ, ir-rekwiżit ewlieni tal-Bord ta' Tmexxija għat-teħid tad-deċiżjonijiet huwa l-unanimità tal-membri tiegħu bid-dritt tal-vot.

**Dikjarazzjoni dwar l-użu mill-ġdid ta' ripagamenti u dħul ta' strumenti finanzjarji stabbiliti skont il-QFP preċedenti mill-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit, is-Slovenja u l-Iżvezja**

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għandu regoli ċari għall-użu possibbli ta' fondi minn operazzjonijiet preċedenti ta' strumenti finanzjarji. Skont l-Art. 140(6), ir-ripagamenti annwali lil strumenti finanzjarji jistgħu jintużaw biss għall-istess strument finanzjarju jew garanzija baġitarja, filwaqt li d-dħul jista' jiddaħħal fil-baġit bħala dħul ġenerali.

Fil-kuntest tad-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar ir-reviżjoni tar-regolament finanzjarju, l-approċċ ġenerali tal-Kunsill ma jipproponi l-ebda bidla għal din ir-regola ġenerali. Filwaqt li, skont dispożizzjoni ġdida proposta fl-Art. 202(2), jista' jkun possibbli li jiġi riassenjat ammont pendenti ta' dħul mhux assenjat taħt att bażiku li għandu jitħassar jew jintemm lil strument finanzjarju ieħor li jindirizza objettivi simili, din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi eċċezzjoni u tidderoga mir-regola ġenerali. Għandu jiġi nnutat ukoll li din id-dispożizzjoni għadha mhijiex applikabbli.

Għaldaqstant, l-Istati Membri jixtiequ jenfasizzaw li l-finanzjament tal-FEIS 2.0 b'ammont ta' EUR 25 miljun mir-ripagamenti u d-dħul minn strumenti finanzjarji fl-intestatura 1a stabbiliti taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) preċedenti jikkostitwixxi eċċezzjoni assoluta u bl-ebda mod ma għandu jitqies bħala preċedent għat-trattament futur ta' dħul u ripagamenti minn strumenti finanzjarji stabbiliti taħt il-QFP preċedenti. Proposti futuri possibbli dwar l-użu ta' fondi minn operazzjonijiet preċedenti ta' strumenti finanzjarji għandhom ikunu allinjati totalment mar-regola ġenerali dwar ir-ripagamenti u d-dħul fir-regolament finanzjarju.